# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 199/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Nazzareno Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Nazzareno Fenech talli fis-26 ta' Gunju, 2001, ghall-habta tad-9.00 pm, fi Triq il-Ghanja Maltija, Haz-Zebbug (**1**) hebb ghal ohtu Gemma Vella minn Haz-Zebbug billi taha daqqa ta' pultruna; (**2**) u aktar, taha daqqiet go rasha, ikkugunalha tbengil go rasha u wicca kif ukoll griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dott. Carmelo Vella M.D. tas-Siggiewi; kif ukoll (**3**) fl-istess data, hin u lok qabad oggett jew armi iebsa kontra l-imsemmija Gemma Vella billi qabad kantun u pprova itiha biha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Nazzareno Fenech mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra (u cioe` li kkawza offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' ohtu u li heddidha b'kantun), u kkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Nazzareno Fenech, minnu ppresentat fil-5 ta' Novembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li talab li jigi liberat anke mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell huwa altament fieragh. L-appellant jippretendi li huwa ghamel dak li ghamel in legittima difesa tieghu nnifsu, u addirittura jinvoka l-Artikolu 224 tal-Kodici Kriminali. Anke li kieku din il-Qorti kellha temmen lill-

appellant – u din il-Qorti qed tiddikjara car u tond li mhix qed temmnu, bhalma ma emmnitux l-ewwel qorti – fis-sens li hutu warrbu x-xatba tal-bieb ta' barra u dahlu fl-intrata qabel ma sejhulu, b'dana l-agir ta' hutu ma kienet qed issir ebda "skalata" jew "ksur" ta' bibien fis-sens tal-Artikolu 224(a) tal-Kodici Kriminali; u wisq anqas jista' jinghad, ghalhekk, li l-appellant kien qed "jirrezisti biex ma jhallix" tali skalata jew ksur. Subordinatament l-appellant jinvoka l-attenwanti tal-provokazzjoni. Pero` l-ligi tirrikjedi – Artikolu 227(c) – li l-att provokatorju jkun tali li "f'nies ta' temperament ordinarju komunement [igib] l-effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt", cioe`, f'dan il-kaz, tal-offiza fuq il-persuna li wettaq l-istess appellant. Il-ligi taghti dan il-beneficcju tal-attenwanti lil "nies ta' temperament ordinarju" u mhux ukoll lil nies li c-cinga taqbzilhom ma' l-anqas haga, kif kjarament jidher li huwa l-appellant. In fatti xejn ma jista' jiggustifika li l-appellant aggredixxa b'mod selvagg lil hutu semplicement ghax dawn marru talbuh muftieh biex jaghmlu kopja tieghu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li, kif inghad, dana l-appell huwa wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ghal ammenda addizzjonali ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni.

Aldo Testone
Dep. Registratur